

**Brussell, 20 ta' Novembru 2020
(OR. en)**

13177/20

**JEUN 122
EDUC 414
SOC 737
EMPL 526
SUSTDEV 162
COHOM 92
GENDER 140
DIGIT 130
ANTIDISCRIM 120**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12840	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-Trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażaġħ fl-Ewropa

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-Trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażaġħ fl-Ewropa, approvati mill-Kunsill permezz tal-proċedura bil-miktub fl-20 ta' Novembru 2020, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/556.

Dawn il-konklużjonijiet ser jintbagħtu għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, kif deċiż mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-18 ta' Novembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-Trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involvement demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa

**IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI,
IMLAQQGħIN FI ĦDAN IL-KUNSILL**

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu LI

1. L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq valuri bħad-demokrazija, il-pluraliżmu, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, u l-protezzjoni tal-minoranzi huma pedamenti inaljenabbli tal-idea Ewropea¹.
2. Id-demokrazija u soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, l-istat tad-dritt u s-solidarjetà ma għandhom qatt jitqiesu bħala ovvji; huma għandhom jiġu protetti, imsaħħa u promossi mill-atturi politiċi, is-soċjetà, in-negozju, l-akkademiċi, il-media, fit-tagħlim u t-taħriġ formali u mhux formali, u minn kull wieħed u waħda minna flimkien.
3. Iż-żgħażaġh għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikanti fid-deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernawhom. Huma għandhom id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, l-aċċess għall-informazzjoni, u li jkunu protetti mid-diskriminazzjoni. Huma intitolati għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħidma fost iż-żgħażaġh li jippermettulhom jitgħallmu dwar, fost oħrajn, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jħejjuhom għal ħajja responsabbli f'soċjetà ħielsa.

¹ L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

4. Il-kreattività taż-żgħażaġh hija essenzjali għal demokrazija haġja fl-Ewropa. Il-kulturi, il-movimenti, il-gruppi, l-organizzazzjonijiet u l-inizjattivi taż-żgħażaġh jista' jkollhom influwenza determinanti fuq l-iżviluppi politiċi u t-tibdil fis-soċjetà. L-inizjattivi għall-protezzjoni ambjentali u tal-klima, il-għieda kontra r-razziżmu u d-diversità soċjali huma biss xi eżempji ta' kwistjonijiet li ħafna drabi jinvolvu ruħhom fihom iż-żgħażaġh fl-Ewropa.
5. Iż-żgħażaġh hija stadju determinanti tal-haġja li jistħoqqlu attenzjoni speċjali minn perspettiva politika. Iż-żgħażaġh madwar l-Ewropa huma kkaratterizzati minn diversità wiesgħa ta' sfondi, interessi u kapaċitajiet u qed jiffaċċjaw sfidi multipli kemm fil-livell individwali kif ukoll f'dak tas-soċjetà. L-aċċess għal opportunitajiet għall-haġja għall-individwi, speċjalment għaż-żgħażaġh li għandhom inqas opportunitajiet, u t-trawwim tal-kuxjenza demokratika taż-żgħażaġh huma kompiti li jeħtieġu appoġġ wiesa' mis-soċjetà u miżuri ta' politika xierqa.
6. Il-media u t-teknoloġija diġitali joffru potenzjal kbir biex tissaħħaħ il-fiduċja fid-demokrazija, billi jipprovdu opportunitajiet sinifikanti għaż-żgħażaġh biex jaċċessaw l-informazzjoni meħtieġa għall-involviment demokratiku, jinteraġixxu ma' oħrajn fuq distanzi twal, isemmgħu l-opinjoni tagħhom, jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jinvolvu ruħhom f'ċittadinanza attiva. Fl-istess ħin, id-diġitalizzazzjoni ggħib magħha xi elementi negattivi li jistgħu jisfidaw id-demokrazija, bħad-diżinformazzjoni, il-polarizzazzjoni, il-propaganda u d-diskors ta' mibegħda.
7. L-Unjoni Ewropea għandha l-għan li tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-haġja demokratika fl-Ewropa².

² L-Artikolu 165(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

8. Il-promozzjoni ta' demokrazija parteċipattiva inklużiva hija waħda mill-prinċipji gwida tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2019–2027). L-istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ għandha l-għan li tappoġġa l-involviment taż-żgħażaġh fl-Ewropa fit-tiswir tas-soċjetà u tal-politika. B'dan il-ħsieb, l-opinjoni jiet taż-żgħażaġh jitqiesu permezz ta', pereżempju, id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u l-11-il Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġh³. L-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ Nru 1 (Konnessjoni bejn l-UE u ż-Żgħażaġħ) u Nru 9 (Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd) huma partikolarment rilevanti f'termini tal-parteċipazzjoni demokratika taż-żgħażaġh.

JIEĦDU NOTA TA'

9. L-ideat u l-opinjoni jiet taż-żgħażaġh kondiviżi fil-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Ottubru 2020 kienu ffukati fuq is-suġġett tal-isparju u l-parteċipazzjoni għal kulħadd, u jipprovdu ispirazzjoni siewja għal azzjoni biex jitrawmu l-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa. Dawn l-ideat u l-opinjoni jiet taż-żgħażaġh jikkonċernaw:
- li l-ħsieb kritiku jsir parti obbligatorja mill-kurrikuli tal-iskejjel;
 - proċessi ta' kodeċiżjoni fil-livelli kollha li jinvolvu ż-żgħażaġh u l-organizzazzjoni jiet taż-żgħażaġh, implimentati permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet;
 - it-tnaqqis tal-età biex wieħed jivvota u joħroġ għall-elezzjoni għal 16-il sena għall-elezzjoni jiet kollha, filwaqt li jitneħħew l-ostakli kollha għall-votazzjoni u jiġi żgurat l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni fl-elezzjoni jiet;
 - proċessi ddedikati li jamplifikaw l-ilħna tal-minoranzi żgħażaġh u jiżguraw l-involviment dirett tagħhom;
 - finanzjament għal strutturi permanenti ta' parteċipazzjoni;
 - opportunitajiet ġodda ta' finanzjament Ewropew biex jiġu stabbiliti u sostnuti spazji għaż-żgħażaġh;
 - il-prijoritizzazzjoni fil-livell Ewropew u f'approċċ transsettorjali tal-ħolqien ta' spazji diġitali sikuri għaż-żgħażaġh u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali.

³ Anness 3 għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (2018/C 456/01).

10. Iż-żgħażaġh għandhom ikunu jistgħu jesperjenzaw l-awtoeffikaċja, it-teħid tal-inizjattiva, u l-kokreazzjoni sabiex jiżviluppaw il-kuxjenza demokratika. Meta jagħmlu dan, huma jesperjenzaw proċessi demokratiċi u jiksibu kompetenzi li jiffurmaw il-pedament ta' demokrazija haġja. L-esperjenza ta' kultura miftuħa ta' diskussjoni, iż-żieda fit-tolleranza ta' opinjonijiet u modi ta' għajxien differenti, u l-iżvilupp tal-kapaċità ta' kompromess, l-aċċettazzjoni ta' deċiżjonijiet b'maġġoranza u l-protezzjoni tal-minoranzi huma parti essenzzjali minn dan il-proċess inklużiv.
11. L-inkoraġġiment tal-involviment demokratiku jfisser li ż-żgħażaġh jiġu mħeġġa jaħsbu b'mod awtonomu, kritiku u u attent għall-isfumaturi, u li jkunu ċittadini attivi, kif ukoll li jiġu mħeġġa jivvalutaw jekk l-ambjent tagħhom jissalvagwardjax il-valuri komuni Ewropej u jiggarrantix id-drittijiet tagħhom. Dan jista' jsaħħaħ l-awtonomija taż-żgħażaġh, il-kapaċità tagħhom li jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom stess, u l-kuraġġ ċiviku tagħhom, u jista' jagħtihom is-setgħa li jsawru mhux biss haġjithom stess, iżda wkoll il-politika u s-soċjetà fl-Ewropa, f'konformità mal-prinċipji demokratiċi u fi spirtu ta' solidarjetà.
12. Il-kooperazzjoni Ewropea tibni fuq id-diversità, il-fehim u d-djalogu miftuħ. Dan il-kunsens bażiku jikkontribwixxi kemm għal kultura demokratika kif ukoll għall-koeżjoni fl-Ewropa, u jifforma bażi solida għall-involviment demokratiku taż-żgħażaġh. Jgħin fil-ġlieda kontra tendenzi antidemokratiċi, inumani, sessisti, razzisti, diskriminatorji u ta' esklużjoni fis-soċjetà tagħna, u jista' jikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti.
13. Iż-żgħażaġh kollha jeħtieġu punti ta' aċċess, appoġġ u opportunitajiet biex ikunu jistgħu jieħdu s-sjieda tal-għażliet tagħhom, jesprimu ruħhom, jesperjenzaw l-awtoeffikaċja u jikkontribwixxu b'mod liberu għall-haġja demokratika fl-Ewropa. L-ispazji diġitali u fiżiċi għaż-żgħażaġh jenħtieġ li jitfasslu b'mod konġunt miż-żgħażaġh infushom, ipprovduti minn atturi governattivi u mhux governattivi, u promossi f'kull forma ta' taġlim u taħriġ formali u mhux formali. Dan jeħtieġ ukoll soċjetà ċivili b'saħħitha u indipendenti. Forom ta' awto-organizzazzjoni u promozzjoni, bħal organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u kunsilli taż-żgħażaġh, li fihom iż-żgħażaġh jitgħallmu jieħdu responsabbiltà għalihom infushom u għall-oħrajn, huma partikolarment importanti.

14. Li ż-żgħażaġh kollha jkunu jistgħu jesperjenzaw id-demokrazija jenħtieġ approċċ inklużiv li jqis id-diversità tagħhom f'haġna aspetti. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali liż-żgħażaġh li għandhom biss aċċess limitat għal proċessi parteċipattivi, opportunitajiet ipprovduti mill-ħidma fost iż-żgħażaġh u interazzjonijiet ma' atturi oħra tas-soċjetà ċivili bħala riżultat ta' żvantaġġi individwali jew strutturali, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' diskriminazzjoni intersezzjonali.

JENFASIZZAW LI

15. Il-prinċipji tat-tagħlim mhux formali u informali, u b'mod partikolari l-valuri u l-prattiki tax-xogħol, joffru haġna opportunitajiet biex jitrawmu l-kuxjenza demokratika u l-involvement demokratiku taż-żgħażaġh. Dan huwa possibbli primarjament minħabba li l-attivitajiet offriti mill-ħidma fost iż-żgħażaġh huma orjentati lejn il-proċess u parteċipatorji fin-natura tagħhom, huma mmirati kemm lejn iż-żgħażaġh organizzati kif ukoll dawk mhux organizzati, u huma allinjati mill-qrib mal-ħtiġijiet u l-interessi taż-żgħażaġh. L-għarfien espert u l-metodi applikati fil-ħidma fost iż-żgħażaġh jistgħu jservu ta' ispirazzjoni għal setturi oħra. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh għalhekk għandha l-potenzjal li taqdi rwol ta' unifikazzjoni u koordinazzjoni fit-trawwim tad-demokrazija u l-parteċipazzjoni politika fost iż-żgħażaġh, mil-livell lokali sa dak Ewropew.
16. Barra minn hekk, kunċetti u Prattiki innovattivi b'approċċ kritiku u emanċipatorju jenħtieġ li jiġu żviluppati fi ħdan is-settur tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, iffukati fuq l-awtonomija taż-żgħażaġh, is-sens ta' inizzjattiva u l-opportunitajiet għall-kokreazzjoni. Kunċetti eżistenti bħall-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, it-tagħlim interkulturali u globali, il-litteriżmu diġitali u fil-media, u l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza jistgħu jservu bħala punt ta' tluq. Persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, kemm dawk imħallsa kif ukoll dawk li jaħdmu b'mod volontarju, jenħtieġ li jitqiesu bħala li jakkumpanjaw liż-żgħażaġh f'dawn l-esperjenzi, u jenħtieġ li jingħataw appoġġ fl-iskambju ta' Prattiki tajba u l-kisba ta' ħiliet u kompetenzi personali.
17. Diversi programmi Ewropej jippromwovu l-kuxjenza demokratika u l-involvement demokratiku. Il-programmi Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huma oqfsa partikolarment adatti għat-trawwim tal-involvement taż-żgħażaġh b'mod immirat permezz ta' dialogu interkulturali u tagħlim bejn il-pari, speċjalment fir-rigward tal-valuri u l-kwistjonijiet komuni Ewropej.

18. Il-kuxjenza demokratika u l-involvement demokratiku taż-żgħażaġh jgħinu biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà. Dan isir partikolarment evidenti f'sitwazzjonijiet fejn il-prinċipji u d-drittijiet demokratiċi fundamentali jkunu ristretti minħabba ċirkostanzi straordinarji (eż. il-pandemija tal-COVID-19). Iż-żgħażaġh li għandhom fehim sod tad-demokrazija huma, wara kollox, aktar kapaċi li jiddistingwu bejn strateġiji biex jiġu indirizzati sfidi bħal dawn li huma kompatibbli mad-demokrazija, u dawk li mhumiex. Barra minn hekk, huwa essenzjali li d-drittijiet u l-libertajiet taż-żgħażaġh jiġu salvagwardjati matul restrizzjonijiet temporanji u jerġgħu jiddaħħlu kompletament u immedjatament ladarba jintemmu r-restrizzjonijiet. Dan huwa partikolarment applikabbli peress li ż-żgħażaġh, speċjalment dawk b'inqas opportunitajiet, ħafna drabi huma fost il-gruppi l-aktar milquta ħażin mill-kriżijiet.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FIL-LIVELLI XIERQA, BIEX

19. Fejn adatt, jistabbilixxu jew ikomplu, fuq bażi sostnuta, programmi u inizjattivi ta' finanzjament speċifiċi għas-settur u dawk transsettorjali fil-livelli kollha fl-Istati Membri, sabiex jiżdied il-fehim u l-apprezzament taż-żgħażaġh tad-demokrazija u d-diversità. Dawn jenħtieġ li jipprovdu spazju u opportunitajiet għat-tagħlim dwar l-involvement demokratiku u l-esperjenza tiegħu, kemm bħala parti minn grupp kif ukoll individwalment, filwaqt li jiżguraw aċċess għaż-żgħażaġh kollha, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet. L-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-inizjattivi taż-żgħażaġh b'mod partikolari, bħala espressjonijiet tal-kapaċità taż-żgħażaġh għall-awto-organizzazzjoni, jenħtieġ li jissaħħu fil-kapaċità tagħhom li jappoġġaw dawn l-isforzi.

20. Jippromwovu d-demokrazija u t-tagħlim dwar id-drittijiet tal-bniedem fis-setturi u l-livelli kollha tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja; u jrawmu kooperazzjoni mill-qrib u sostnuta dwar dawn il-kwistjonijiet fis-setturi kollha. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-edukazzjoni attiva dwar iċ-ċittadinanza u l-edukazzjoni għad-demokrazija billi tiġi kkunsidrata varjetà wiesgħa ta' Prattiki u ambjenti ta' tagħlim u billi jitrawwem l-iżvilupp tal-kompetenzi ewlenin taċ-ċittadinanza, kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja⁴ u r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva, u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim⁵.
21. Jagħtu s-setgħa liż-żgħażaġh biex jirrispondu għall-potenzjal u l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni u biex jipparteċipaw fil-komunikazzjoni online b'mod attiv u awtoriflessiv⁶. Għal dan il-għan, il-litteriżmu diġitali u fil-media b'mod partikolari għandu jitrawwem fiż-żgħażaġh u l-persuni li jappoġġawhom (eż. persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, għalliema), speċjalment il-kapaċità li jittrattaw it-tagħbija żejda ta' informazzjoni, id-diżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u forum oħra ta' kontenut dannuż. Jenħtieġ li tingħata enfasi speċjali lill-provvista ta' għodod ta' appoġġ xierqa kif ukoll lill-iżgurar ta' livell għoli ta' kwalità ta' soluzzjonijiet għall-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh u ta' proċessi parteċipattivi diġitali. L-aċċess mingħajr ostakli għall-media diġitali għandu jiġi żgurat għaż-żgħażaġh kollha, b'mod partikolari daww b'inqas opportunitajiet.
22. Jirrikonoxxu l-interess partikolari u l-impenn ċiviku attiv muri miż-żgħażaġh fi kwistjonijiet bħas-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika, id-drittijiet tal-bniedem, l-ekwità interġenerazzjonali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-impatt tad-diġitalizzazzjoni, u jappoġġawhom b'mod attiv fl-isforzi tagħhom biex isawru l-proċessi politiċi u soċjali rilevanti. B'mod partikolari, jenħtieġ li jitħeġġeġ l-involviment taż-żgħażaġh fil-livell lokali, bħal fil-kunsilli tal-istudenti, l-organizzazzjonijiet lokali taż-żgħażaġh jew l-inizjattivi taż-żgħażaġh.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1)

⁵ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim (ĠU C 195, 7.6.2018, p. 1)

⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh (ĠU C 418, 7.12.2017, p. 2) u konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh (ĠU C 414, 10.12.2019, p. 2).

23. Jippromwovu u jappoġġaw b'mod adegwat strutturi fiżiċi u diġitali aċċessibbli għall-ħidma fost iż-żgħażaġh u soluzzjonijiet għall-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh, b'mod partikolari wara l-miżuri ta' konteniment tal-COVID-19, sabiex iż-żgħażaġh jingħataw spazji liberi, miftuħa u sikuri u opportunitajiet għall-iżvilupp personali.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI XIERQA, B'RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX

24. Ikompli jiżviluppaw il-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi politiċi f'konformità mar-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteciċipazzjoni politika taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa⁷, u b'hekk tkompli tissaħħaħ il-parteciċipazzjoni sinifikanti u sostenibbli taż-żgħażaġh kollha fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha.
25. Fejn xieraq, jagħmlu proċessi u deċiżjonijiet politiċi fil-livelli kollha aċċessibbli, trasparenti u li jinfteihu, bl-użu ta' informazzjoni u komunikazzjoni faċli għaż-żgħażaġh. Dan jenħtieġ li jinkludi b'mod partikolari l-ġhoti ta' feedback liż-żgħażaġh dwar ir-riżultati tal-proċessi tal-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh. L-informazzjoni jenħtieġ li tinxtered b'mod immirat sabiex tilħaq liż-żgħażaġh kollha irrispettivament mill-ambjent tagħhom. Jenħtieġ li jiġu żviluppati strateġiji ta' komunikazzjoni xierqa f'kooperazzjoni man-networks ta' informazzjoni għaż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati oħra tas-settur taż-żgħażaġh, bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ġhoti ta' Informazzjoni u Pariri liż-Żgħażaġħ u n-network Eurodesk, fil-livell Ewropew.
26. Jintroduċu u jippromwovu l-kunċetti ta' sensibilizzazzjoni demokratika u involviment demokratiku liż-żgħażaġh bħala parti kontinwa u kruċjali tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, u jirrikonoxxu s-settur tal-ħidma fost iż-żgħażaġh bħala spazju favorevoli biex iż-żgħażaġh jingħataw opportunitajiet biex jiżviluppaw u jikkontribwixxu lejn soċjetà demokratika. Dan jinkludi l-ġhoti, fi ħdan l-istrutturi eżistenti, ta' kondizzjonijiet qafas xierqa u riżorsi finanzjarji adegwati fil-livelli kollha, kif ukoll aktar taħriġ tematiku, ħiliet u kwalifiki għal persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh.

⁷ Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteciċipazzjoni politika taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa (ĠU C 417, 15.12.2015, p. 10).

27. Jappoġġaw l-iżvilupp ulterjuri u t-tiswir mill-ġdid ta' approċċi biex jiżdiedu l-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fiż-żgħażaġh. Dawn jistgħu jibnu fuq kunċetti eżistenti ta' pedagogija⁸ u ta' demokrazija, ċittadinanza attiva u edukazzjoni/taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'dan il-qasam. Dawn l-approċċi jenħtieġ li jiġu mġoddija lill-prattikanti permezz ta' programmi ta' taħriġ regolari u jistgħu jservu ta' ispirazzjoni għall-prattika tal-programmi tal-UE għaż-żgħażaġh, jew għall-iżvilupp ta' qafas ibbażat fuq il-kompetenza għall-edukazzjoni u t-taħriġ formali u mhux formali tal-ħidma fost iż-żgħażaġh⁹. Jenħtieġ li jinħolqu wkoll opportunitajiet għal attivitajiet ta' taġlim reċiproku fi ħdan is-settur tal-ħidma fost iż-żgħażaġh – kemm bejn il-prattikanti, l-akkademiċi, dawk li jfasslu l-politika u ż-żgħażaġh, kif ukoll bejn is-setturi.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

28. Tqis l-interessi taż-żgħażaġh u l-involviment demokratiku tagħhom bħala kwistjoni trasversali fil-proċessi u l-programmi Ewropej, bħall-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, jew iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, u fl-implimentazzjoni tal-programmi rilevanti tal-UE fis-seħħ, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, u f'kooperazzjoni msaħħa mal-Kunsill tal-Ewropa.
29. Tenfasizza l-attivitajiet ta' riċerka u l-ġhodod għall-ġbir tal-evidenza li janalizzaw l-impatt tal-programmi ta' finanzjament tal-UE fuq il-promozzjoni tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fiż-żgħażaġh.
30. Issaħħa l-attivitajiet Ewropej ma' pajjiżi sħab iffinanzjati mill-programmi tal-UE biex tippromwovi aktar il-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fiż-żgħażaġh, u tkompli tiżviluppa l-ħidma fost iż-żgħażaġh permezz tal-kooperazzjoni u l-iskambju.

⁸ B'mod partikolari, il-kunċetti ta' pedagoġija kritika u emanċipatorja.

⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh (ĠU C 412, 9.12.2019, p. 12).

JISTIEDNU LILL-ATTURI KOLLHA INVOLUTI FL-ATTIVITAJIET TA' KOOPERAZZJONI
EWROPEA FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ BIEX JISTINKAW BIEX

31. Jenfasizzaw kwistjonijiet bħall-valuri u l-identità Ewropej, id-demokrazija, l-aċċettazzjoni tad-diversità, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tal-minoranzi, il-ħsieb kritiku, forom ġodda ta' parteċipazzjoni u azzjoni ċivika fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' finanzjament Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Jenħtieġ li jiġu żgurati aċċess inklużiv u miftuħ, proċeduri sempliċi u riżorsi adegwati għal proġetti li jistgħu joffru liż-żgħażaġh l-opportunità li jipproponu, jikkontribwixxu u jgħidu tagħhom. Dan jenħtieġ li jitqies speċjalment għal azzjonijiet dedikati dwar il-parteeipazzjoni u s-solidarjetà.
32. Jiżguraw li l-programmi tal-UE għaż-żgħażaġh iqisu l-ħtiġijiet, l-interessi u d-diversità taż-żgħażaġh. Dan jinkludi informazzjoni ta' finanzjament faċli għaż-żgħażaġh u faċilment aċċessibbli, appoġġ għall-inizjattivi ta' proġetti taż-żgħażaġh stess, u kunsiderazzjoni tal-organizzaturi tal-programmi u l-ħtiġijiet tagħhom. Fejn xieraq, il-programmi għandhom ikunu jistgħu jagħmlu titjib li jkompli jipprijorizza l-inizjattiva taż-żgħażaġh u b'hekk l-involviment demokratiku u l-esperjenzi tagħhom.
-

Referenzi

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill jieħdu nota tad-dokumenti li ġejjin:

- Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1)
- Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa (ĠU C 417, 15.12.2015, p. 10)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna (8629/20)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-litteriżmu fil-media f'dinja dejjem tinbidel (ĠU C 193, 9.6.2020, p. 23)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh (ĠU C 412, 9.12.2019, p. 12)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh (ĠU C 414, 10.12.2019, p. 2)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim (ĠU C 195, 7.6.2018, p. 1)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh (ĠU C 418, 7.12.2017, p. 2)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tas-settur taż-żgħażaġh f'approċċ integrat u transsettorjali biex tiġi evitata u miġġielda r-radikalizzazzjoni vjolenti taż-żgħażaġh (ĠU C 213, 14.6.2016, p. 1)

- Dikjarazzjoni ta' Pariġi tas-17 ta' Marzu 2015 tal-Ministri għall-Edukazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni
- Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989
- Kummissjoni Ewropea: Flash Eurobarometer 478 – How do we build a stronger, more united Europe? The views of young people, March 2019 (mhux disponibbli bil-Malti)¹⁰
- Parlament Ewropew: Study – Shrinking space for civil society: the EU response, 2017 (mhux disponibbli bil-Malti)¹¹
- Rakkomandazzjoni CM/Rec (2010)7 adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-istati membri dwar il-Karta tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Edukazzjoni għal Ċittadinanza Demokratika u l-Edukazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem
- Il-Kunsill tal-Ewropa: Reference Framework of Competencies for Democratic Culture: Volume 1 – Context, concepts and model, 2018 (mhux disponibbli bil-Malti)¹²

¹⁰<https://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/index.cfm/ResultDoc/download/DocumentKey/86162>

¹¹[https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/578039/EXPO_STU\(2017\)578039_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/578039/EXPO_STU(2017)578039_EN.pdf)

¹² <https://rm.coe.int/prems-008318-gbr-2508-reference-framework-of-competences-vol-1-8573-co/16807bc66c>